# 3. Xewqa Lil Għanjeti

Tliet ħwejjeġ jien ħabbejt, u t-tlieta għandhom
ħajja ta' dejjem; daw' t-tliet ħwejjeġ huma
il-għeneb, ir-ranċis flimkien mal-bilbla
mgħiba fis-sema.

Il-għeneb ta' kull sena jħammar ħlejju,
u ta' kull sena jmut, 'mma l-benna tiegħu,
benna ta' dejjem, ta' kull sena terġa'
tħammar fl-egħnieqed.

Ir-ranċis huwa l-fjur tal-blat u x-xagħri
ix-xitwa sħiħġa sa jitbiel, 'mma ġmielu
flimkien mal-fwieħa jiġbed ta' kull sena
qtajjiet fl-irdum.

Il-bilbla tmut fuq il-blatiet tax-xtajta,
'mma l-għanja tagħha ġo dijiet is-sema
tgħaxxaq kuljum lil dawk li jħobbu l-hena
u s-skiet tal-beraħ.

Għanja ta' qalbi, jien immut bħal bilbla,
bħall-għeneb u r-ranċis, 'mma jalla jkollok
il-benna, il-fwieħa, u s-sbuħija tagħhom
biex ma tmut qatt.